

- 15) L-effettività tal-Artikolu 47 tal-Karta jippreżupponi li, f'sitwazzjoni proċedurali bħal dik inkwistjoni hawnhekk, il-qorti amministrattiva li twettaq l-istħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjoni tal-amministrazzjoni fiskali tal-Istat Membru tista' tistħarreġ il-legalità tal-kisba ta' mezzi ta' prova riċevuti klandestinament, għal għanijiet kriminali, fil-kuntest tal-proċeduri kriminali, b'mod partikolari meta l-persuna taxxabbli parallelament implikata fi proċeduri kriminali ma setgħetx ikollha għarfien ta' dawn id-dokumenti, u lanqas li tikkontesta l-legalità quddiem il-qorti?
- 16) Fir-rigward ukoll tad-domanda 6, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 ⁽²⁾ dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud – fir-rigward b'mod partikolari tal-premessa 7 tiegħu, li tippovdi li, sabiex jiġbru t-taxxa dovuta, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex jgħinu biex jiżguraw li l-VAT tiġi stabbilita b'mod korrett u għaldaqstant għandhom mhux biss iwettqu monitoraġġ tal-applikazzjoni korretta tat-taxxa dovuta fit-territorju tagħhom stess, iżda għandhom ukoll jipprovdu assistenza lil Stati Membri oħra għall-iżgurar tal-applikazzjoni korretta tat-taxxa relatata mal-attività mwettqa fit-territorju tagħhom stess iżda dovuta fi Stat Membru ieħor [–] fis-sens li, quddiem fatti bħal dawk f'dan il-każ, l-amministrazzjoni fiskali li ssir taf bl-eżistenza ta' dejn fiskali għandha l-obbligu li tindirizza t-talba tagħha lill-amministrazzjoni fiskali tal-Istat Membru li fih il-persuna taxxabbli li hija suġġetta għal kontroll fiskali tkun diġà ssodisfat l-obbligu tagħha li tħallas it-taxxa?
- 17) Jekk ingħatat risposta affermattiva għad-domanda 16: jekk qorti tikkonstata, wara l-kontestazzjoni tagħhom, li deċiżjonijiet mogħtija mill-amministrazzjoni fiskali tal-Istat Membru huma illegali fir-rigward tal-proċedura minħabba l-ommissjoni ta' informazzjoni riċevuta u ta' talba indirizzata lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor [.] liema konsegwenza l-qorti li twettaq l-istħarriġ tad-deċiżjonijiet mogħtija mill-amministrazzjoni tal-Istat Membru għandha tapplika, fid-dawl ukoll tad-domanda 14?

⁽¹⁾ ĠU L 347, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 268, p. 1.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Supremo Tribunal Administrativo (il-Portugall) fil-15 ta' Settembru 2014 – Fazenda Pública vs Beiragás – Companhia de Gás das Beiras, SA

(Kawża C-423/14)

(2014/C 439/26)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Qorti tar-rinviju

Supremo Tribunal Administrativo

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Fazenda Pública

Konvenuta: Beiragás – Companhia de Gás das Beiras, SA

Domandi preliminari

- 1) Id-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 78(a) tad-Direttiva 2006/112/KE ⁽¹⁾, jipprekludu li t-TOS [Taxa de ocupação do subsolo (Taxxa tal-okkupazzjoni ta' taħt l-art)] imħallsa mid-distributur tal-gass tiġi ttrasferita fuq il-konsumatur finali, hekk kif inhi u b'mod separat mill-prezz li dan tal-aħħar iħallas għall-gass ikkonsmat, jiġifieri, mingħajr ma tiġi inkluża f'dan il-prezz?

Fil-każ li tingħata risposta fin-negattiv għal din l-ewwel domanda, tirriżulta l-ħtieġa li ssir id-domanda li ġejja:

- 2) Id-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 73 sa 79 tad-Direttiva 2006/112/KE, jipprekludu li t-TOS imħallsa mid-distributur tal-gass ma tiġix ikkunsidrata fil-bażi ta' taxxa [tal-VAT], meta tiġi ttrasferita lill-konsumatur finali hekk kif inhi u b'mod separat mill-prezz li dan tal-aħħar iħallas għall-gass ikkonsmat?

⁽¹⁾ Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1).